MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 34

It-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fid-9.02 a.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Conrad Borg Manché u l-Onor. Francesca Zarb kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo u l-Onor. Marilena Gauci kienu skużati.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport l-Onor. Byron Camilleri, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Ippjanar, l-Infrastruttura u l-Innovazzjoni l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Deo Debattista, l-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Janice Abela Chetcuti, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Yana Borg Debono Grech, l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Norma Camilleri, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. John Grech, l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Frank Anthony Tabone, l-Onor. George Vital Zammit u l-Onor. Romilda Zarb kienu assenti.

TALBA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 33 li saret fid-9 ta' Novembru 2026 kienu konfermati.

MISTOQSIJIET

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IT-TIELET SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 47 - MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €8,102,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 47 - Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT XXIV - MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €863,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XXIV - Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fid-9.06 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Eve Borg Bonello ressqet din l-Emenda:

VOT 47 - MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI

Personal Emoluments
Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".

Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".

Fl-10.33 a.m. skada l-ħin tal-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Ian Vassallo u l-Onor. Miriana Calleja Testaferrata de Noto għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Ramona Attard, u l-Onor. Omar Farrugia għan-naħa tal-Gvern.

Bil-permess tal-Kumitat, l-Onor. Eve Borg Bonello, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 523 Dokument bl-isem *Reazzjoni għall-Baġit 2027* maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ).

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 524 Rapport maħruġ mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal bl-isem *Children & The Impact of Technology on their Wellbeing* datat Novembru 2025;

P.L. 525 Dokument maħruġ mill-World Health Organization – European Region (WHO) bl-isem *A focus on adolescent social media use and gaming in Europe, Central Asia and Canada – Health Behaviour in School -aged Children international report from the 2021/2022 survey - Volume 6*;

P.L. 526 Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council EU KIDS ACT – *EU Keeping Internet Digital Spaces Accountable and Trustworthy* (EU) 2018/956 (COM (2026)681 final; u

P.L. 527 Dokument maħruġ fl-2025 mill-World Health Organization –WHO Commission on Social Connection bl-isem *From loneliness to social connection - Charting a path to healthier societies*.

F'12.02 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrugia, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

<u>Ir-Raba' Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi</u>

Vot 19 - Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi
Vot 20 - Kummerċ
Vot IX - Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi – Kapital

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

F'12.03 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER